MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 96/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors tal-attrici li permezz tieghu ppremettiet:-

“1. Illi l-kontendenti huma mizzewgin lil xulxin skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid [recte: taz-zwieg] u minn dan iz-zwieg kellhom hames ulied u cioe' Stephen (22 sena), Adrian (19 il-sena), Maria (13 il-sena), Robert (5 snin) u Ryan (sentejn).

2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-intimat irrenda ruhu hati lejn martu l-attrici u uliedu ta' swat, theddid, sevizzi, eccessi,

minacci u ngurji gravi, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru, tant illi fil-mori tal-medjazzjoni din l-Onorabbli Qorti kienet ghall-ewwel tat access lill-intimat taht supervizjoni ghal uliedu minuri imbaghad addirittura issospendiet dan l-access.

3. Illi r-rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali

Talbet ghalhekk li din il-Qorti:-

1. "Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba swat, theddid, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi li l-intimat kkommetta kontra martu l-attrici, u minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u kustodja tal-minuri Maria (13 il-sena), Robert (5 snin) u Ryan (sentejn), u dan minghajr ebda access lill-intimat ghall-imsemmija ulied jew access taht supervizjoni.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti ghaliha u ghal uliedha minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni ghall-hlas dirett mill-paga tal-intimat, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti; u kif ukoll tordna lill-intimat sabiex ihallas dawk l-arretrati kollha ta' manteniment dovuti sal-lum u li jistghu jigu dovuti sad-data tas-sentenza finali.

4. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila

tal-attrici, u dana kollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominand, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tordna d-divizjoni ta' gid iehor komuni li hemm bejn il-kontendenti.

7. Tassenja lir-rikorrenti il-fond matrimonjali 'Lemar', Triq Mater Boni Consilii, Fgura u tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond.

8. F'kaz illi tigi michuda s-sitt talba, tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-fond 'Lemar', Triq Mater Boni Consilii, Fgura stante' li dan mhuwiex kommodament divizibbli, u dan bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.

9. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lir-rikorrenti il-beni u krediti parafernali u dotali taghha."

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti tal-attrici.

Rat in-nota guramentata tal-attrici.[1]

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut[2] li permezz taghha eccepixxa:-

1. "Illi l-esponenti jaqbel li ghandha issir s-separazzjoni izda mhux ghar-ragunijiet indikati mir-rikorrenti;

2. Illi l-esponenti ma jaqbilx li l-kura u l-kustodja ghandha tkun fdata lir-rikorrenti;

3. Illi minhabba s-sitwazzjoni finanzjara tal-esponenti ma jistax jhallas manteniment kemm ghar-rikorrenti kif ukoll ghall-minuri;

[1] Fol. 41
[2] Fol. 51

4. Illi ma ghadhomx jigi applikati l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 48 sa 53 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-esponenti qieghed joggezzjona ghas-sitt u ghas-seba' talba stante li ma hemmx raguni sabiex dan isir;

6. Illi l-esponenti qieghed joggezzjona ghat-tmien talba u dan ghax ma ghadux fejn joqghod;

7. Illi l-esponenti qie hed joggezzjona ghad-disa' talba ghax ma ghandha xejn."

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi.**

Miz-zwieg tal-partijiet twieldu hamest itfal li minnhom illum tnejn biss ghandhom minorenni, Robert ta' erbatax-il sena u Ryan ta' ghaxar snin. It-tifla Maria, li llum ghandha ghoxrien sena, ghadha s-segwi kors ta' studju full-time.

Mill-hafna provi u xhieda prodotti fosthom tal-attrici[3], ta' omm u missier l-attrici[4], ta' bint il-partijiet[5], ta' hu l-attrici[6] u ta' iben il-partijiet[7] jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi matul is-snin il-konvenut ikkommetta diversi atti ta' vjolenza domestika sew fuq martu kif ukoll fuq uliedu.

L-attrici spjegat li fil-25 ta' Awwissu 2005 hija giet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali flimkien mal-hames uliedha

[3] Fol. 62
[4] Fol. 71 u fol. 90
[5] Fol. 74
[6] Fol. 82
[7] Fol. 84

minhabba sensiela ta’ incidenti vjolenti, biza’ u tensjoni ikkawzati mill-konvenut. Tispjega diversi incidenti ta’ vjolenza domestika fosthom meta l-konvenut sawwat lill-minuri Maria b’wire u plakka tad-dawl u kkagunalha griehi fuq irkoppitha skont kif gie certifikat mit-tabib Dr Marcel Martinelli fejn iccertifika li t-tifla kienet qed issofri minn kostrizzjoni fuq l-irkoppa tal-lemin apparti tbengil aktar antik fuq l-ispalla tal-lemin.[8] Tirrakkonta wkoll agir hazin tal-konvenut fil-konfront tat-tifel Steven. Skont l-attrici dan wassal biex Steven jinghata kura psikologika mill-Agenzija Appogg. Tiddeskrivi l-komportament tal-konvenut fosthom swat, tghajjir, theddid u dagha. Rizultat tal-inkwiet kontinwu kagunat mill-konvenut uliedu lanqas baqghu jieklu fuq l-istess mejda mieghu.

Tirrakkonta incident ftit jiem wara li weldet il-hames wild fejn ghax ma riedx liz-zija tal-attrici tmur id-dar taghhom biex tghinha f’dak li kellha bzonn beda jitfa’ l-ilma bil-bramel mal-art u t-tarag. L-attrici spicca hassa hass hazin.

Tirrakkonta incident iehor fejn ghaliex waqt l-ikel inqala incident deskritt bhala zghir il-konvenut beda jissotta lill-attrici u lit-tfal bil-frott li kien hemm fuq il-mejda u meta dan spicca fetah il-fridge u kompla b’dak li sab fil-fridge. Meta anke tal-fridge spicca beda jitfa ma’ kullimkien l-ilma mis-sink tal-kcina.

Lit-tfal kien kontinwament jghajjarhom u jwaqqalhom l-istima fihom infushom bi kliem dispreggjattiv u ta’ tghajjir.

It-tifla Maria irrakkontat diversi episodji ta’ vjolenza fejn jew kienet vitma jew xhud ta’ vjolenza fuq ommha. Tirrakkonta kif meta kien ikun ser jerfa jdejh fuqha kienet titla tigri fuq u tissakkar f’wahda mill-kmamar u l-konvenut kien jitla’ jsabbat mal-bieb sakemm jixba. Tikkonferma diversi episodji li irrakkontat l-attrici u li kien jghidilha kliem degradanti bhal “gidra”, “injuranta”, “hmar”, “tron tal-gherf”, “mignuna”. Tirrakkonta wkoll meta f’okkazzjoni minnhom meta kienet ghadha zghira u kienet qed iggemma album

[8] Fol. 47

ta’ Barbie il-konvenut ghax kien irrabjat qabad u qattaghhulha. Tirrakkonta wkoll l-incident fejn missierha kien sawwatha bil-wire u plakka tal-fan fuq irkoppitha.

Charlot Cassar, oht l-attrici, spjegat dak li kienet tisma’ minghand ohtha. Tispjega l-okkazzjonijiet meta l-konvenut kien jattendi ghand ommha u spiss kien jaqla’ xi argument fuq ix-xejn. Tghid li xena li baqghet impressjonata f’mohha kienet dik meta l-attrici marret tibki ghand ommha b’wiccha kollu zalza wara li skont l-attrici l-konvenut tefalha l-platt mimli ikel u kellha titlaq ‘il barra mid-dar matrimonjali u marret dritt ghand ommha. Tispjega wkoll li kellha okkazzjoni tara bibien imkissra fid-dar tal-attrici u manutenzjoni ma ke
initx issir jekk mhux minn missier l-attrici. Kienet ukoll rat il-marki fuq sieq it-tifla Maria meta ittiehdet il-poliklinika.

Adrian, iben il-partijiet, ikkonferma diversi partijiet mix-xhieda ta’ ommu u ta’ ohtu. Jispjega b’mod partikolari incident fejn il-konvenut tefalu flixkun b’likwidu tat-tindif li infaqa’ mal-hajt u xarrab set tal-hi-fi kif ukoll files u project books tal-iskola li ma setax jipprezenthom aktar l-iskola. Jispjega illi meta hu u huh Steve kienu jiggieldu fuq xi karrozza tal-loghob il-konvenut kien jaqbad u jkissirha taht saqajh u kienu jispiccaw jibku t-tnejn. Spiss kien jikkoregihom billi jigbdilhom xaghrhom u widnejhom. Jikkonferma li l-konvenut spiss kien jghid kliem dispreggjattiv fuq uliedu anke fil-presenza ta’ terzi persuni.

Joseph Cassar, hu l-attrici, spjega kif minn wara z-zwieg ta’ ohtu mal-konvenut il-karattru taghha inbidel kompletament. Fejn qabel kienet mimlija energija u thares ‘il quddiem fil-hajja, spiccat bla hegga u dejjem inkwetata. It-tfal iddeskrivihom bhala imbezza u mgerrxa. Jghid li meta f’xi okkazzjoni rari l-attrici u l-konvenut kienu johorgu mal-familja tal-attrici, l-konvenut kien jinqata ghal rasu u jimxi ‘l quddiem wahdu qisu mhux maghhom.

Stephen B, iben il-partijiet, jispjega kif minn meta kien ghadu zghir fid-dar kien ihoss li hemm nuqqas ta’ ghaqda. Jikkonferma l-episodji fejn il-konvenut kien ikisser il-karrozzi tal-loghob taht saqajh. Jispjega wkoll kif kien

qattalu tapes tal-muzika u jaghti bil-ponn fuq stereo zghir li kellu. Fost diversi episodji ta' vjolenza jispjega wiehed partikolari fejn meta kienu ghadhom zghar kienu gew iz-zijiet taghhom biex johorguhom u peress li huh Adrian ried jibqa' d-dar jilghab, il-konvenut kien mar ghalih, qabdu minn ghonqu biex nizlu minn fuq. Jispjega li l-vjolenza kommessa minn missieru kienet aggravat fiz-zmien li twieldet ohtu Maria meta x-xhud kellu madwar disa' snin. Jiftakar okkazzjoni fejn missieru tefa' platt mimli ikel fid-direzzjoni ta' ommu. F'okkazzjoni ohra l-konvenut kien tefa' ghatu fid-direzzjoni tieghu. Meta fl-addoloxxenza Stephen B kellu l-acne f'wiccu, l-konvenut kien spiss jghiru biha meta jinqala xi argument.

Meta bdew jitfarrfu hu u hutu spiccaw li kien ikollhom jiddefendu lill-ommhom mill-vjolenza ta' missierhom sakemm fis-sena 2005 l-attrici u l-hames uliedha kienu kostretti jitilqu mid-dar matrimonjali.

Mid-diversi noti tal-Agenzija Appogg li gew ipprezentati f'dawn il-proceduri jirrizulta illi il-minuri Robert gie riferut mis-Servizz tal-Vjolenza Domestika fi hdan l-Agenzija Appogg sabiex ikun segwit minn psikologi tal-Agenzija. Robert kien gie certifikat li jbati minn Post Traumatic Stress Disorder u li kellu bzonn terapija fit-tul. Robert, li llum ghandu ghaxar snin, ghadu jirrifjuta li jara lill-missieru u fil-fatt fil-mori ta' din il-kawza l-access li kellu l-konvenut ghal Robert kien gie sospiz u hekk ghadu sal-lum, wara li l-psikologa Luisa Eminyan kienet tal-opinjoni illi "jekk il-minuri jigi mgieghel jara lil missieru, anke b'supervizzjoni, dan ser ikun ta' detriment serju u rriversibbli fuq is-sahha psikologika tieghu…."

Fix-xhieda tieghu[9] il-konvenut spjega li meta kien ghadu zghir missieru telaq lejn l-Awstralja flimkien ma' zewg hutu subien ohra akbar minnu u ghalhekk minn eta' zghira kellu jiehu hsieb lill-ommu u lil hutu l-ohra. Filghodu kien imur l-iskola u jahdem ta' mastrudaxxa filghaxija.

[9] Fol. 198

Jispjega li ommu kienet mardet serjament u għalhekk missieru ġie lura mill-Awstralja. Ommu mietet meta l-konvenut kellu erbatax-il sena. Wara l-mewt ta' ommu, missieru sofra "stroke" u baqa' pparalizzat għal kumplament ta' ħajtu.

Ta' wieħed u għoxrin sena iltaqa' mal-attriċi u wara ħames snin iżżewġu. Jgħid li wara z-zwieġ l-attriċi ħadmet għal sentejn u waqfet biex tkun tista' trabbi t-tfal. L-ewwel tarbija twieldet wara li kienu ilhom tlett snin miżżewġin. L-attriċi kienet mara tad-dar u tieħu ħsieb ulied il-partijiet. Jgħid li kien jgħin fil-faċendi d-dar u jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

Il-konvenut spjega li meta t-tfal bdew jikbru beda josserva li dawn kellhom imġieba ħażina u beda jinkwieta li l-attriċi ma kellhiex dixxiplina fuqhom. Skond il-konvenut, l-attriċi kienet tħallihom jagħmlu li jridu u ma tikkoreġihomx. Dwar dan kienu jargumentaw ħafna.

Il-konvenut jiċħad li kien hemm okkażżjonijiet fejn tefa' xi ikel lejn l-attriċi jew lejn uliedu. Anzi jgħid li kien hemm okkażżjonijiet fejn uliedu għamlu hekk u l-attriċi lanqas biss ikkoreġiethom. Jgħid li l-attriċi ma kellhiex "parental skills" u li t-tfal kienu telgħin bla dixxiplina. Jgħid li maż-żmien it-tfal ma bdewx juruh rispett u li kienu qed johdulu postu fil-familja. Għalhekk kien iddeċieda li jkun hu li jeżerċita d-dixxiplina fuq uliedu u dan kien joħloq diverġenzi kbar mal-attriċi.

Skont il-konvenut, l-attriċi dejjem ikkonsidrat lit-tfal bħala proprjeta' tagħha biss u qatt ma ppermettiet li l-konvenut jibdni relazzjoni tajba ma' uliedu. Jgħid li fiż-żmien kien jaħdem sa tmenin siegħa fil-ġimgħa biex ikollu finanzi suffiċjenti għall-bżonnijiet tal-familja.

Il-konvenut xehed li is-sitwazzjoni fid-dar kienet qed tirrifletti ħażin fuqu li waslet biex tilef ir-rispett lejh innifsu (self esteem). Jgħid li t-tfal trabbew mill-attriċi bla kontroll, jorqdu tard tant li beda jirrifletti ħażin fuq il-progress tagħhom fl-iskola. Jispjega kif huwa u l-attriċi, għalkemm baqgħu jgħixu taħt l-istess saqaf ma baqgħux jgħixu bħala

koppja. “Kull hadd kien jiddeciedi ghal rasu.” Jghid li l-attrici kienet tiehu l-pariri minghand it-tifel il-kbir u mhux minn ghandu u li kienet qatatu kompletament mit-trobbija ta’ uliedu. Gieli kien ikollu jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol peress li l-attrici kienet iccempillu biex imur jigbor lit-tifel minn Paceville peress li ma kienx ikun fi stat li jigi lura wahdu.

Jispjega li huwa u l-attrici baqghu jiggieldu fuq kollox. Sakemm it-tfal il-kbar telqu mid-dar u ftit wara l-attrici telqet ukoll bit-tfal iz-zghar. Jghid li sew martu kif ukoll uliedu abbandunawh u li kienu bdew iharsu lejh biss bhala sors ta’ dhul finanzjarju. Jghid li wara li l-Qorti ordnatlu jibda jhallas manteniment ta’ erba’ mija u hamsin lira Maltija (Lm450) fix-xahar bhala manteniment pendente lite ghall-martu u ghal uliedu li sadannittant kienu qed jirrisjedu band’ ohra, huwa waqaf jahdem sahra peress li sahhtu ma kinitx tippermettielu. Jghid li f’dak iz-zmien il-paga kollha kienet tittiehed ghall-manteniment ta’ martu u ta’ uliedu.

Il-konvenut jghid li b’konsegwenza li ma baqax jara lit-tfal kien gie effettwat is-sahha mentalment tant li kien gie rikoverat l-Isptar Monte CarB. Ihoss li gie abbandunat mill-familja tieghu.

Ikkonsidrat;

**Responsabbilta’ ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Fl-ewwel talba taghha l-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara li t-tkissir taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet sehh minhabba swat, theddid, sevizzi, minacci u ngurji gravi li l-intimat kkommetta kontra martu l-attrici u minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

Fl-ewwel lok ghalhekk il-Qorti ser tezamina l-provi imressqa mill-partijiet li jirrigwardjaw ir-responsabbilta’ o meno tal-partijiet fit-tkissir taz-zwieg taghhom.

Sew l-attrici kif ukoll ix-xhieda minnha prodotti, inkluz l-ulied maggorenni tal-partijiet, huma kollha konkordi illi l-

agir tal-konvenut fil-konfront sew ta’ martu kif ukoll ta’ uliedu kien wiehed distruttiv ghall-ahhar. L-azzjonijiet vjolenti kommessi mill-konvenut kontra martu u kontra ulied huma ta’ tali gravita’ li per forza hallew hsara permanenti fuqhom, kull min issubixxa l-vjolenza jew kien xhud taghha. L-attrici kellha tabbanduna d-dar matrimonjali bil-hamest itfal kollha filwaqt li l-konvenut baqa’ jghix id-dar. Minflok li tali azzjoni estrema tal-omm gabet lill-konvenut f’siktu, beda jikkommisera ruhu u jghid li gie abbandunat minn familtu meta proprju **kien l-agir vjolenti u irrazzjonali tieghu li gieghel lill-attrici u lill-hames uliedha, maggorenni u minorenni, jaharbu mid-dar li kienet spiccat l-arena ta’ azzjonijiet gravi da parti tal-konvenut. Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien jaf x’inhu jaghmel.**

**Sfortunatament ghall-attrici u ghal uliedhom, il-konvenut fl-ebda stadju ta’ dawn il-proceduri ma wera xi forma ta’ rimors jew dispjacir ghal dak minnu kommess. Ghal kuntrarju baqa’ jinjora l-effetti negativi li l-azzjonijiet vjolenti tieghu kellhom fuq l-attrici u uliedhom.** Dan qed jinghad ghaliex li kieku l-konvenut wera tali rimors, seta’ forsi jinbeda process twil u difficli ta’ rikonciljazzjoni. Tali stat ta’ fatt jemergi wkoll minn ezami tax-xhieda tal-konvenut moghtija sew b’affidavit kif ukoll verbalment. Mhux biss ma weriex sentimenti ta’ rimors talli lanqas biss ghamel l-icken accenn ghax-xhieda dettaljata sew tal-attrici kif ukoll ta’ ulied il-partijiet dwar l-agir tal-konvenut bejn l-erba’ hitan tad-dar matrimonjali.

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi l-attrici ippruvat sodisfacentement illi ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet jahti unikament il-konvenut minhabba swat, eccessi, u ngurji gravi.

**Kura u Kustodja u Access.**

Fil-mori tal-kawza Maria saret maggorenni izda ghadha tistudja full-time. Ghalhekk filwaqt li m’hemmx lok ghall-pronunzjament dwar il-kura u kustodja fir-rigward taghha,

ser tipprovdi aktar ‘il quddiem ghar-rigward tal-manteniment taghha.

Robert ta’ ghaxar snin u Ryan ta’ seba’ snin illum il-gurnata jghixu ma’ ommhom. Fic-cirkostanzi huwa indikat illi l-kura u kustodja taghhom tkun esklussivament f’idejn l-attrici. M’hemm l-ebda komunikazzjoni bejn il-partijiet u m’hemmx dubju li kura u kustodja kongunta ma tiffunzjonax.

**Il-minuri Robert**

Fl-atti hemm diversi rapporti li kollha jiccertifikaw li rizultat tal-vjolenza da parti tal-missier li Robert esperjenza kemm damet l-omm tghix mal-konvenut flimkien mat-tfal, hallit feriti profondi fil-menti tieghu li sallum, nonostante l-interventi ta’ diversi specjalisti, ma ghelibx it-trawmiet li ghadda minnhom. Gie certifikat li jbati minn “Post Traumatic Stress Disorder”.

**Huwa dejjem ideali li ulied genituri li qed jinfirdu izommu kuntatt maz-zewg genituri. Hemm pero’ kazijiet fejn il-kuntatt bejn wild u genitur ikun aktar ta’ hsara milli ta’ gid. Sfortunatament dan il-kaz huwa wiehed minnhom.**

Diversi kienu l-esperti li indikaw illi kuntatt bejn il-minuri Robert u missieru l-konvenut ikun ta’ hsara peress li ghadhom ma gewx meghluba t-trawmiet li ghadda minnhom frott l-agir vjolenti tal-konvenut.

Fis-seduta tad-19 ta’ Mejju 2011[10] xhedet il-Psikologa Louisa Eminyan li kienet ilha tara lill-minuri Robert ghal circa erba’ snin. Hija tat l-opinjoni esperta taghha illi hsara tista’ ssir lil Robert jekk jigi sfurzat jara lill-missieru fic-cirkostanzi prezenti. Mhux ghaliex hemm il-biza li jaghmillu xi hsara fizika ghaliex din tigi indirizzata b’access supervizzjonat. Il-hsara prevedibbli hi gejja mill-fatt illi kull meta l-minuri Robert jigi b’xi mod rinfaccjat bil-passat trawmatiku huwa jerga’ jmur lura. Dan gara meta

[10] Fol. 274

huh iz-zghir Ryan beda jiltaqa' ma' missieru. Hija ghalhekk tal-fehma illi laqghat bejn il-minuri Robert u missieru jkunu ta' hsara ghal ta' l-ewwel.

Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2012 il-Qorti innominat child psychologist mill-Agenzija Appogg sabiex issir evalwazzjoni mill-gdid tal-kaz fir-rigward tal-minuri Robert fir-relazzjoni ma' missieru l-konvenut.

Fir-rigward tad-digriet tat-28 ta' Novembru 2012 l-Agenzija Appogg inkarigat lill-Psikologa Rosalind Vella sabiex taghmel evalwazzjoni tal-kaz fir-rigward tal-minuri Robert fir-relazzjoni ma' missieru l-konvenut.

Il-Psikologa Rosalind Vella ipprezentat ir-rapport peritali taghha fit-28 ta' Frar 2013[11] wara li ltaqghet sew mal-minuri kif ukoll maz-zewg genituri. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rapport tal-Psikologa Vella u tikkondividi l-konkluzzjonijiet minnha raggunti bil-mod kif gej.

Il-minuri ghadda minn esperjenzi difficli u trawmatici hafna fejn kien il-vittma ta' vjolenza subita minn missieru kif ukoll kien xhud ta' vjolenza kommessa minn missieru fuq ommu u hutu. Skont anke rapporti ta' Dott. Anne Marie Micallef u Ms Luisa Eminyan il-minuri ghandu sintomi ta' PTSD (*post traumatic stress disorder*) li hija kundizzjoni li tizviluppa wara li persuna tghaddi minn esperjenza trawmatika hafna u l-persuna thoss li hi jew ta' madwarha qeghdin f'perikolu kbir.

L-esperta gudizzjarja iccertifikat li l-minuri "ghadu jibza' hafna minn missieru u l-esperjenzi li ghadda minnhom ghadhom jaffetwawh sal-lum. Kif ukoll hija inkwetanti li Robert jghid li ma jafx kif jibqa' jghix jekk ikollu jiltaqa' ma' missieru, u din hija haga li trid titqies b'serjeta' specjalment minhabba li fil-passat diga kien esprima li jrid imut milli jara lill-missieru".

**Il-minuri Ryan**

[11] Fol. 303

Fir-rigward tal-minuri Ryan, ir-relazzjoni ma' missieru hija differenti. Kien gie pprezentat rapport mill-Psikologa Carmen Sammut fejn ghamlet numru ta' rakkomandazzjonijiet[12] fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-konvenut u ibnu Ryan fejn tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz kien mehtieg illi biex tinbena relazzjoni b'sahhitha bejn il-minuri Ryan u missieru kellhom qabel xejn jittiehdu mizura gradwali fosthom laqghat qosra ghal xi okkazzjonijiet partikolari bhal birthdays jew festi.

Dan il-process kien inbeda u bl-ghajnuna ta' diversi professjonisti inkluz l-Agenzija Appogg jidher li il-kuntatt bejn il-minuri Ryan u missieru mixi pozittivament fl-interess tal-minuri.

B'nota tat-18 ta' Dicembru 2012[13] l-Agenzija Appogg informat lill-Qorti illi l-access tal-missier Emmanuel B ma' ibnu Ryan kien qed jinzamm regolarment. Gie rappurtat ukoll li "r-relazzjoni tal-minuri mal-missier issahhet u dan grazzi ghall-atteggjament pozittiv tal-missier fil-konfront tal-minuri waqt l-access."

Gie rappurtat ukoll "Li l-omm issa qieghda ukoll tikkopera bis-shih mal-haddiema socjali u anke twassal lill-minuri Ryan fil-hin u b'mod regolari ghal kull sessjoni ta' l-access."

Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti mhijiex ser tordna access tal-missier fir-rigward ta' ibnu minuri Robert izda ser tordna li l-access supervizzjonat tal-missier fir-rigward ta' ibnu minuri Ryan ghandu jkompli jigi ezercitat taht supervizzjoni tal-Agenzija Apppogg kif kien qed isir dan l-ahhar.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

[12] Fol. 210
[13] Fol. 299

Skont verbal tal-udjenza tas-27 ta’ Ottubru 2011 il-partijiet iddikjaraw li ghall-finijiet ta’ likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kien jonqos il-bejgh tad-dar matrimonjali.

B’kuntratt tat-12 ta’ Settembru 1983[14] in atti Nutar Dottor Angelo Sammut il-partijiet kienu xtraw “il-mezzanin minghajr numru bl-isem “Morning Glory” fi triq gdida minghajr isem li hija il-kontinwazzjoni ta’ Mater Boni Consilii Street, Fgura.

Fl-udjenza tat-18 ta’ Frar 2010[15] il-partijiet kienu qablu illi l-valur tad-dar matrimonjali huwa ta’ mija u wiehed u hamsin elf u hames mitt ewro (€151,500). Peress li hadd mill-partijiet ma ressaq xi pretensjoni li l-fond huwa komodament divizibbli, l-unika mod kif tali assi jigi likwidat huwa billi jinbiegh.

Peress li l-konvenut jabita f’dan il-fond huwa mehtieg li jizgombra minnu halli jkun jista’ jinbiegh bil-pussess vakant.

Ma jirrizultax li hemm aktar assi tangibbli ohra ta’ xi valur appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

**Manteniment**.

B’digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta tal-14 ta’ Dicembru 2009[16] il-Qorti kienet ordnat li *pendente lite* il-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghal ulied minuri is-somma ta’ mija u erba’ ewro u hamsa u tmenin centezmu (€104.85) fix-xahar u waqfet il-manteniment li l-konvenut kien ihallas lill-attrici wara li rrizultalha li l-konvenut kien ghadda bord u beda jircevi l-pensjoni tal-invalidita’.

L-attrici tilmenta li hemm ammont ta’ arretrati ta’ manteniment pendente lite dovut mill-konvenut. Peress li digriet ta’ manteniment pendente lite huwa titolu ezekuttiv u jista’ jigi ezegwit bhal kull titolu ezekuttiv iehor, mhux ser

[14] Fol. 157
[15] Fol. 196
[16] Fol. 24

tippronunzja ruhha dwar id-digriet tal-manteniment pendente lite li ser jibqa' in vigore sad-data ta' din is-sentenza b'dan illi millum 'il quddiem il-manteniment ser jigi regolat kif gej.

Fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li llum il-minuri Robert ghandu tnax-il sena u Ryan ghandu ghaxar snin, u ghalhekk il-htigijiet zdiedu, il-Qorti qed tordna li sad-data ta' din is-sentenza l-konvenut ghandu jibqa' marbut bid-digriet precedenti rigwardanti l-manteniment pendente lite u b'effett mid-data ta' din is-sentenza 'l quddiem l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' hamsa u sebghin ewro (€75) kull xahar ghal kull wild minuri Robert u Ryan, b'kollox mija u hamsin (€150) fix-xahar, liema somma ghandha tizdied kull sena skont l-indici tal-gholi ta' hajja u mhallsa lill-attrici direttament mill-pensjoni tal-invalidita' tal-konvenut.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tipprovdi dwar it-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet konjugi B u tiddikjara illi t-tkissir taz-zwieg kien unikament tort tal-konvenut.

2. Tilqa' parzjalment t-tieni talba attrici u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Robert u Ryan f'idejn l-attrici u tordna li m'ghandux ikun hemm access bejn il-konvenut u l-minuri Robert. Fir-rigward tal-minuri Ryan l-access ghandu jibqa' jsir taht is-supervizzjoni tal-Agenzija Appogg bil-frekwenza li qed isir s'issa. Il-Qorti tahtar a spejjez definittivi tal-konvenut lill-Psikologa Carmen Sammut sabiex tikkonduci programm fit-tul ta' terapija ghall-minuri Ryan bl-iskop li sa fejn possibbli ir-relazzjoni bejn il-konvenut u ibnu minuri Ryan titjieb. Wara sena millum ghandu jsir assessment psikoterapewtiku tal-minuri Ryan sabiex jigi esplorat jekk il-minuri huwiex fi stat emozzjonali b'sahhtu biex ikun jista' jattendi ghal family therapy

flimkien mal-missier. Ghal dan il-ghan ser titwarrab somma mir-rikavat tal-fond matrimonjali dovuta lill-konvenut sabiex taghmel tajjeb ghal tali spejjez.

3. Tilqa’ t-tielet talba. Tikkonferma d-digrieti moghtija minn din il-Qorti precedentement fir-rigward tal-manteniment pendente lite u tordna lill-konvenut ihallas l-arretrati kollha ta’ manteniment li sal-lum ghadu ma hallasx. Tordna li sad-data ta’ din is-sentenza l-konvenut ghandu jibqa’ marbut bid-digriet precedenti rigwardanti l-manteniment pendente lite u b’effett mid-data ta’ din is-sentenza ‘l quddiem l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta’ hamsa u sebghin ewro (€75) kull xahar ghall-kull wild minuri Robert u Ryan, liema somma ghandha tizdied fis-sena skont l-indici tal-gholi ta’ hajja u mhallsa lill-attrici direttament mill-pensjoni tal-invalidita’ tal-konvenut. Il-Qorti tordna li l-manteniment hekk ordnat ghandu jitnaqqas direttament mill-pensjoni tal-invalidita’ li l-konvenut jircievi minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali Il-manteniment jibqa’ jithallas anke wara li l-minuri jaghlqu tmintax-il sena fl-eventwalita’ li jibqghu jistudjaw full time u dan sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrin sena.

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici.

5. Tilqa’ l-hames talba attrici, tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jippartecipa fid-dhul tal-attrici b’effett mill-25 ta’ Awwissu 2005 ‘il quddiem.

6. Tichad is-sitt talba u tilqa’ parzjalment is-seba’ talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex zmien tlett xhur millum jizgombra mill-fond Lemar” gia’ “Morning Glory” fi Triq Mater Boni Consilii Street, Fgura.

7. Tilqa’ t-tmien talba u tordna l-bejgh taht l-awtorita’ tal-Qorti tad-dar matrimonjali u cioe’ il-mezzanin minghajr numru bl-isem “Lemar” gia’ “Morning Glory” fi Triq Mater Boni Consilii Street, Fgura, liema bejgh ma ghandux issir qabel tlett xhur millum. Ghal fini ta’ valur tal-immobbli

ghandha tittiehed is-somma ta' mija wiehed u hamsin elf u hames mitt ewro (€151,500).

8. Tordna li mir-rikavat tal-bejgh bis-subbasta nofs jigi zbankat mill-attrici, kwart jibqa' depozitat taht l-Awtorita' tal-Qorti sabiex jaghmel tajjeb ghall-arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut kif ukoll sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' terapija ghall-minuri ordnat b'din is-sentenza u l-kwart l-iehor jigi zbankat mill-konvenut. Il-bilanc li talvolta jkun baqa' depozitat il-Qorti wara tlett snin millum ghandu jigi zbankat mill-konvenut.

9. Tinnomina lill-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea sabiex tirraprezenta lill-minuri Ryan B f'kaz ta' htiega waqt l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' llum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, lill-Psikologa Carmen Sammut, lill-Agenzija Appogg, lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------